# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April 2001

Citazzjoni numru 2708/99 AJM

Kawza numru 45

Antonia u Maria ahwa Bartolo

Vs

Anthony u Josephine konjugi Borg

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-16 ta' Dicembru 1999 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi huma werrieta universali u unici ta' Fidele Bartolo; illi l-konvenuti huma debituri tal-atturi fis-somma ta' elf lira maltin (LM1,000) rappresentanti somma mislufa lilhom bi skrittura privata datata 26 ta' Lulju 1996; illi ghalkemm interpellati diversi drabi biex ihallsu d-dejn ma' l-atturi, baqghu inadempjenti; illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-atturi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jopponu kontra t-talba attrici; talbu li din il-Qorti:

1. tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 u 170 tal-Kap 12;
2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf lira maltin (LM1000) rapresentanti self maghmul lill-istess konvenuti.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Ottubru 1999, u bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Lulju 1996 data ta' l-iskrittura privata sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Jannar 2000 meta l-konvenut gew moghtija l-fakolta' li jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fis-26 ta' Jannar 2000 li permezz taghha eccepew:-

1. In linea preliminari l-atturi ghandhom jippruvaw illi huma tassew il-werrieta tal-mejjet Fidele Bartolo.
2. Fil-mertu l-konvenuti ma ghandhom jhallsu xejn peress li l-mejjet Fidele Bartolo kien qal lill-konvenuti li huma ma kellhomx iroddu lura s-somma mislufa u dana peress li huwa dejjem xtaq jikkumpessa lill-konvenuta Josephine Borg ta' snin twal ta' servigi li pprestatlu.
3. Illi l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi peress li hija intempestiva u dan peress li meta sar is-self ma kien gie stabbilit l-ebda terminu meta s-somma mislufa kellha tigi mhallsa lura, u ghalhekk l-atturi

ma ghandhom l-ebda jedd li jitolbu l-hlas ghall-gharrieda kif ghamlu.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta' Frar 2000 meta l-konvenuti rrinunzjaw ghall-ewwel eccezzjoni u l-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi dwarit-tieni eccezzjoni.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Marzu 2001 meta l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum fuq l-eccezzjoni tal-intempestivita' wara li hadet konjizzjoni tal-provi prodotti fir-rigward u tas-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

Bi skrittura privata tas-26 ta' Lulju 1996 (ezebita bhala Dok B) gie dikjarat li d-defunt Fedele Bartolo "qieghed jghati b'self is-somma ta' elf lira maltin (LM1000) bir-rata ta' imghax ta' hamsa fil-mija b'lura fis-sena minn din id-data ta' 26 ta' Lulju 1996 lil nepputija Ninu u Josephine Borg".

L-atturi qua eredi tal-imsemmi Fedele Bartolo qeghdin jitolbu li l-konvenuti jigu kkundannati jroddu lura l-ammont lilhom misluf in forza tal-istess skrittura. Is-self mhux qed jigi kontestat izda apparti l-eccezzjoni tal-mahfra ta' dan id-dejn il-konvenuti qed isostnu li fi

kwalunkwe kaz dawn il-proceduri huma intempestivi billi japplika l-artikolu 1078 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dan l-artikolu jghid hekk:-

*“Jekk iz-zmien ghall-esekuzzjoni ta’ l-obbligazzjoni jkun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun gie miftiehem illi d-debitur ghandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta’ jkun jista’, jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, ghandhom jitharsu r-regoli li gejjin:*

*(a) jekk l-obbligazzjoni ghandha bhala oggett taghha l-hlas ta’ somma ta’ flus, dik ghandha tigi esegwita fi zmien sentejn, jekk din is-somma ghandha tinghata minghajr imghax, jew fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax.”*

Il-konvenuti qed isostnu li dan l-artikolu japplika ghal kaz taghhom u ghalhekk billi fl-iskrittura imsemmija gie stipulat imghax li ghandu jithallas bis-sena, l-obbligazzjoni li jroddu lura l-kapital ghadha mhux esegwibbli.

Din il-Qorti ma tikkondividix din is-sottomissjoni. L-artikolu citat jitkellem car li t-termini tas-sentejn u ta’ sitt snin ghall-radd lura ta’ flus mislufa, dipendenti minn jekk mhemx jew hemm imghax stipulat, japplikaw limitatament fil-kazi meta iz-zmien ghall-esekuzzjoni ta’l-obbligazzjoni tkun giet **imhollija fir-rieda tad-debitur,** jew jekk jkun gie miftiehem illi d-debitur **ghandu jezegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista’** jew **meta huwa jkollu l-mezzi.**

Minn ezami tad-dokument B fuq imsemmi l-ebda wahda minn dawn l-alternattivi ma tirrizulta. Dan id-dokument jitkellem semplicement dwar self moghti minghajr ma jsemmi d-data ta' meta l-ammont misluf ghandu jintradd lura. L-assenza ta’ data ghall-ezekuzzjoni ta’l-obbligazzjoni ma jfissirx, kif qed jissugerixxu l-konvenuti, li huma fil-liberta’ li jhallsu

meta jistghu. Fl-assenza ta' data ghall-ezekuzzjoni ta'l-obbligazzjoni ghandu jipprevali l-artikolu 1077 tal-Kap 16 li jistabilixxi li "Meta ma jkun gie stabbilit ebda zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni, din ghandha tigi esegwita minnufih ....." Minn dan isegwi li l-azzjoni ma giex istitwita intempestivament.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' l-intempestivita' sollevata mill-konvenuti bl-ispejjes kontra taghhom.

Onor Imhallef Albert J. Magri